MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Numru 292/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**Spettur Angelo Caruana**
**V**

**ANTHONY [TWANNY] FRENDO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY sive TWANNY FRENDO** ta' wiehed u tletin sena bin Dominic u Mary nee Catania, imwieled Pieta nhar l-erbatax ta' Novembru 1966 u residenti 362, Main Street, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 469566M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghumlin b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli f'Hal Lija, fil-lejl ta' bejn t-tnax u t-tlettax ta' Jannar 1993, ikkommetta serq ta' madwar tmenin lira maltin fi flus kontanti, sigaretti w oggetti ohra li huma stmati li jiswew aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin mill-fond 'Freddie's Self Service Store', li hu sitwat fi Triq il-Musika, Hal Lija ghad-dannu ta' Alfred Borg, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur;

2. Talli f'H'Attard nhar s-sitta ta' Novembru 1992, ghall-habta tad-disgha ta' bil-lejl, ikkommetta serq ta' madwar tmin mitt lira maltin fi flus kontanti kif wkoll madwar tlett mitt lira f'cekkijiet lokali, sigaretti w oggetti ohra li huma stmati li jiswew aktar minn elf lira maltin mill-fond G&G Supermarket li hu sitwat fi Triq Victor Vassallo, H'Attard ghad-dannu ta' Anthony Buttigieg mill-Mosta, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur;

3. Talli f'H'Attard fil-lejl ta' bejn l-hamsa w is-sitta ta' Jannar 1993, ikkommetta serq ta' madwar hamest elef lira maltin fi flus kontanti u cekkijiet li huma ta' aktar minn elf lira maltin mill-fond M4 Supermarket li hu sitwat fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, H'Attard ghad-dannu ta' Louis Sergeant minn Rahal Gdid, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur;

4. Talli f'B'Kara fil-lejl ta' bejn l-wiehed w ghoxrin w t-tnejn w ghoxrin ta' Jannar 1993, ikkommetta serq ta' flus kontanti kif wkoll oggetti ohra li huma ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin mill-fond 'Martingale Stationery' li hu sitwat fi Triq il-Knisja l-Qadima, B'Kara ghad-dannu ta' Charles Schembri, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur;

5. Talli f'B'Kara fil-lejl ta' bejn t-tneun u ghoxirn w it-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 1993, ikkommetta serq ta' flus kontanti kif wkoll kwantita ta' fwejjah differenti li huma huma stmati li jiswew aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin mill-fond 'St. Helen's Pharmacy', li hija sitwata fi Triq il-Herba, B'Kara ghad-

dannu ta' Alfred Mangion mill-Madliena, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-hin;

6. Talli f'H'Attard fil-lejl ta' bejn t-tlieta u l-erbgha ta' Frar 1993, ikkommetta serq ta' madwar tlett elef u mitejn lira maltin fi flus kontanti w oggetti, liema somma hija ta' aktar minn elf lira maltin mill-fond 'Zahra Enterprises' li hu sitwat fi Triq Santa Katerina, H'Attard ghad-dannu ta' Paul Zahra mis-Siggiewi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur;

7. Talli f'Malta, fl-istess dati, postijiet, hinijiet u cirkostanzi f'H'Attard, f'Hal Lija, f'B'Kara u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom;

8. Talli fl-istess postijiet, dati, hinijiet u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghemel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fl-aperturi tal-postijiet imsemmija liema hsara hija ta' aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin;

9. Talli jinsab recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi bid-dati disgha ta' Jannar 1992 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u dik tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 1992 minn awla F.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbatax ta' Awissu 2002 a fol 625 tal-atti sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tal-hmistax ta' Marzu 2004 a fol 644 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz id-diversi processi verbali relatati ma 'l fuq imsemmija reati.

Rat is-sentenza esibita a fol 246 tal-atti markata bhala dokument CSH 5 moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar 1992 fil-konfront tal-imputat odjerni u ohrajn w is-sentenza l-ohra moghtija nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 1992 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront tal-imputat odjern u ohrajn.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2004.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat huwa akkuzat fost akkuzi ohra li kkommetta serq minn sitt postijiet differenti bejn s-sitta ta' Novembru 1992 u l-erbgha ta' Frar 1993, liema serqiet huma aggrvati bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin.

Illi xhieda okulari il-Prosekuzzjoni ma ressqitx izda bbazat l-kaz taghha fuq prova xjentifika u cioe dik ta' impronti digitali.

Illi **l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar d-dsatax ta' April 1999** b'mod voluntarju u skond il-ligi, liema stqarrija tinsab esibit a fol 254 et seq tal-atti markata bhala dokument CSH 7.

Illi f'din l-istqarrija l-imputat kien ammetta wara li gie muri l-istabbiliment minn PS 336 Schembri li fil-fond G&G Supermarket sitwat fi Triq Victor Vassalli, H'Attard, kien dahal jixtri flixkun Coca Cola f'xi zmien tul is-sena 1998 [u cioe fis-sena qabel ma rilaxxja l-istqarrija tieghu] u mhux qabel.

Meta l-imputat gie mistoqsi jekk fil-fond M4 Supermarket f'H'Attard bl-isem Nicholsons dahalx, l-imputat wiegeb fin-negattiv.
Meta gie mistoqsi dwar t-tielet hanut u cioe Freddie's Self Service Stores, sitwat fi Triq il-Muzika f'Hal Lija, l-imputat

wiegeb li ma kien jaf xejn dwaru. Ma jafx li kien gie misruq w innega li qatt dahal go fih.

Meta gie mistoqsi dwar r-raba hanut u cioe Martingale sitwat fi Triq il-Knisja l-Qadima, f'B'Kara huwa qal li qatt ma dahal go fih u lanqas ma kien jaf li saret serqa minnu.

Meta gie mistoqsi dwar il-hames hanut u cioe St. Helen's Pharmacy sitwata fi Triq il-Herba f'B'Kara, w is-sitt hanut Zahra Enterprises fi Triq Santa Katerina f'H'Attard, huwa cahad li jaf xi haga dwarhom jew li qatt dahal fihom.

Meta finalment gie mistoqsi jekk qattx ikkommetta xi serq f'wiehed minn dawn is-sitt fondi fuq imsaemmija, l-imputat wiegeb fin-negattiv u b'mod kategoriku cahad li ppartecipa b'xi mod f'dawn is-serqiet li gie akkuzat bihom.

Illi **PS 336 Anton Schembri** [fol 258] u **PC 902 David Debattista** [fol 264] xehdu w ikkonfermaw dak kollu li qal l-imputat fl-istqarrija fis-sena li qabel ma rrilaxxja din l-istqarrija huma kienu akkumpanjawh fuq il-postijiet indikati fl-istqarrija tieghu u b'eccezzjoni ghal fond G&G Supermarket huwa cahad li qatt kien dahal fihom. PS 336 Anton Schembri esibixxa wkoll in-notamenti li ha dakinhar meta kien qed jakkumpanja lil imputat fil-postijiet [fol 261].

Illi ghalhekk minhabba dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija tieghu il-Qorti kellha tezamina l-process kollu bir-reqqa u b'mod individwali fliet il-processi verbali ta' kull inkjesta li nzammet in konnessjoni ma kull serqa.

Illi **dwar is-serqa mill-fond Zahra Enterprises**, jirrizulta li fl-ewwel ta' Dicembru 1993, il-Magistrat Inkwerenti kien innomina lil Joseph Bongailas biex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali elevati minn fuq il-post ma dawk mizmuma ghand l-Pulizija. Dan l-inkarigu pero kien gie sospiz b'digriet tal-istess Magistrat Inkwerenti datat tmienja w ghoxrin ta' April 1994 [fol 57] u PC 673 Joseph Mallia gie nominat biex jissostitwixxi lil Joseph Bongailas.

Illi l-istess PC 673 Joseph Mallia kkonkluda li d-dokument 93 ATZ 105 indikat bhala marka ta' swaba misjuba fuq il-money box fil-fond Zahra Enterprises Limited, kif mehuda minn PC 282 Pierre Grech [fol 36] jaqbel mas-saba tan-nofs tal-id x-xellugija tal-imputat.

Illi mix-xhieda ta' Paul Zahra, Managing Director tal-fond derubat Zahra Enterprises jirrizulta li s-serqa fl-istabbiliment tieghu kien aggravat bil-flus, bil-mezz u bil-hin [fol 41] u din ix-xhieda ma giet kontradetta minn hadd.

Illi **dwar is-serqa mill-fond St. Helen Pharmacy** jirrizulta li b'digriet tal-Magistrat Inkwerenti tat-tlieta w ghoxirn ta' Jannar 1993, PC 1374 Edgar Dalli kien gie nominat sabiex jiehu l-impronti digitali mill-post derubat. Fit-tmienja ta' Frar 1993, dan l-espert ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu [fol 91]. B'digriet tal-Magistrat Inkwerenti tad-disgha ta' Frar 1993, gie nominat PC 1030 Ivan Portelli biex flimkien ma Joseph Bongailas jiehu l-impronti digitali tal-imputat.
Nhar t-tnejn ta' April 1993, deheru PC 1030 Ivan Portelli u Joseph Bongailas w ippresentaw u halfu r-relazzjoni taghhom [fol 95]

Illi nhar l-ewwel ta' Dicembru 1993, gie nominat PC 956 Andrew Caruana sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali mehuda minn PC 1374 Edgar Dalli minn fuq ix-xena tad-delitt u dawk mehuda minn PC 1030 Ivan Portelli u Joseph Bongailas, tal-imputat.

Nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 1995, deher PC 956 Andrew Caruana u ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu markata bhala dokument AC Dok 93 AEQ 105. Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizult li dawn huma marki ta' swaba misjuba fuq flixkun kannella tal-pilloli u jaqblu mas-saba l-kbir tal-id il-leminija tal-imputat [fol 114]

Illi mix-xhieda ta' Joseph Cauchi l-impjegat tal-ispizerija misruq, liema xhieda ma hija kontradetta minn hadd, [fol 86], din is-serqa hija kkwalifikata bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

Illi **dwar t-tielet serqa u cioe dik minn M4 Supermarket** jirrizulta li fis-sitta ta' Jannar 1993, il-Magistrat Inkwerenti innominat lil PS 282 Patrick Grech bhala espert tal-impronti digitali sabiex jeleva l-impronti digitali minn fuq ix-xena tad-delitt.

Illi b'digriet tal-Magistrat Inkwerenti tad-disgha ta' Frar 1993, il-Magistrat Inkwerenti nnomina lil PC 1030 Ivan Portelli sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat. In effetti dawn gew mehuda minnu fis-sbatax ta' Frar 1993 quddiem il-Magistrat Inkwerenti w ippresentati u mahlufa l-Qorti nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Frar 1993 [fol 136].

Illi nhar d-disgha ta' Frar 1993, Joseph Bongailas gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali elevati minn PS 282 Patrick Grech minn fuq ix-xena tad-delitt u dawk mehuda tal-imputat minn PC 1030 Ivan Portelli. Joseph Bongailas ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu nhar t-tlieta ta' Mejju 1993.

Minn ezami ta' din l-istess relazzjoni jirrizulta li d-dokument 93 AAW 101 jirrappresenta marka ta' saba misjuba fuq ix-xafra ta' chopper li kienet mal-art hdejn il-freezer tal-laham, taqbel mas-saba l-kbir tal-id l-leminija tal-imputat filwaqt li d-dokument 93 AAW 102 jirrappresenta marka ta' saba misjuba fuq wrapper tat-tertuqa tas-sigaretti li kienet fuq l-iskrivanija fl-ufficju, taqbel mas-saba l-werrej tal-id l-leminija tal-imputat. Din is-serqa wkoll kienet ikkwalifikata bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

Illi **dwar r-raba serqa u cioe dik li tikkoncerna l-istabbiliment G&G Supermarkmet f'H'Attard**, f'din l-inkjesta kien gie nominat PS 1374 Edgar Dalli bhala Scene of the Crime Officer u fil-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru 1992 deher il-Qorti u ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu [fol 191].

Illi fid-disgha ta' Frar 1993, il-Magistrat Inkwerenti nnominat lil PC 1030 Ivan Portelli u lil Joseph Bongailas biex jiehdu l-impronti digitali tal-imputat.

Illi fil-hmistax ta' Settembru 1993, il-Magistrat Inkwerenti nnominat lil PC 282 Patrick Grech biex jaghmel l-ezami komparattiv [fol 202] bejn l-impronti digitali mehuda tal-imputat u dawk misjuba fuq ix-xena tad-delitt.

Illi fit-tletin ta' Novembru 1993, deher PC 282 Patrick Grech u ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu u minn ezami tal-istess jirrizulta li d-dokument 92 CMB 104 jirrapresenta marki minn fuq il-bieb li jaghti ghal gol bitha tal-fond in kwistjoni, u dawn gew identifikati bhala l-pala tal-id l-leminija tal-imputat filwaqt li d-dokument 92 CMB 105 jirappresenta marki mehuda minn fuq l-istess bieb li jaghti ghal bitha u li gew identifikati bhala s-saba tan-nofs tal-id il-leminija tal-imputat.

Illi skond ix-xhud Anthony Buttigieg li jiggestixxi dan is-supermarket, liema xhieda ma hija kontradetta minn hadd, jirrizulta wkoll li din is-serqa hija kwalifikata bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

Dwar **il-hames serqa u cioe dik minn Freddie's Self Service**, il-Magistrat Inkwerenti nnominat li Qorti lil PS 659 Jeffrey Hughes u dan b'digriet tat-tlettax ta' Jannar 1993 u dan sabiex jeleva l-impronti digitali minn fuq il-post tad-delitt u nhar s-sittax ta' Gunju 1993, l-istess PS 659 Jeffrey Hughes ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu [fol 348].

Illi b'digriet tal-Qorti tat-tnejn ta' Frar 1998 kien gie nominat PS 673 Joseph Malllia biex jaghmel ezami komparattiv bejn l-lifters elevati minn PS 659 Jeffrey Hughes u dik il-kollezzjoni tal-impronti digitali mizmuma mill-Pulizija Ezekuttiva.

Irrizulta li d-dokument 92 ACH 101 u 92 ACH 103 jirrappresenta marki tal-pala tal-id u impronti digitali misjuba fuq il-kexxun tal-counter minn naha ta' barra, jaqbel mas-saba z-zghir tal-id ix-xellugija tal-imputat.

Illi din is-serqa skond ix-xhud Alfred Borg, proprjetarju tal-post li wkoll ma hija kontradetta minn hadd, hija kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

Illi **dwar s-sitt serqa u cioe dik mill-fond Martingale**, li saret nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Jannar 1993, il-Magistrat Inkwerenti innominat lil PS 659 Jeffrey Hughes sabiex bhala Scene of the Crime Officer, [fol 366] jeleva l-impronti digitali minn fuq il-post u nhar l-erbgha ta' Marzu 1993, huwa ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu [fol 367].

Illi nhar t-tmienja ta' Novembru 1994, il-Magistrat Inkwerenti nnominat lil PS 673 Joseph Mallia sabiex jaghmel ezami komparattiv. Illi pero minn ezami akkurat tal-process ma jirrizultax li din r-relazzjoni qatt giet esibita.

Dan nonostante pero nhar l-erbgha ta' April 2000 din il-Qorti kienet innominat lil Joseph Bongailas sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali tal-imputat u dawk elevati minn diversi xeni tad-delitti.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2000, l-istess Joseph Bongailas ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu [fol 435] u minn ezami tal-istess jirrizulta li hemm diversi impronti digitali elevati minn hames postijiet indikati aktar 'l fuq li kellhom impronti li jaqblu mal-imputat odjern; l-unika eccezzjoni hija dik tal-fond Martingale ghaliex l-espert m'ghamilx l-ezami komparattiv f'dan il-kaz.
Stabbilit dan kollu, il-Qorti issa trid tara jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jwasslux ghal htija tal-akkuzat dwar r-reati kollha jew ghal inqas dwar xi whud minnhom. Jinghad dwar xi whud minnhom peress li l-Pulizija tat akkuzi alternattivi fil-kofnront tal-imputat.

Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta' **Lord Denning** tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika.

"*That degree is well settled. It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the*

*course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*" (**Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.**)

Is-success fl-impront digitali ghar-risultat forensiku jiddependu fuq tlett kolonni, l-ewwel wahda minnhom hija li l-ezami komparattiv isir bi precisjoni, liema dover jaqa fuq l-espert nominat mill-Qorti. It-tieni kolonna hija li t-tehid tal-impronti digitali sar b'mod legali u trasparenti u t-tielet kolonna hija li l-impronti digitali huma evidenza cirkostanzjali, liema tip ta' evidenza tindika izda ma timplikax htija wahedha.

Naturalment t-tehid tal-impront digitali irid jittiehed b'mod trasparenti ghalhekk fin-nuqqas anke l-Ufficjal tal-Pulizija jkollu jirrispondi u minflok indizju tal-prova isib evidenza dubbjuza, kif gara fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Martin Gaffarena *deciza fit-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1996.*** Bhala principju generali "*fingerprints are meant to assist the quest of the truth and not to falsify it"* kif sostna **Francis Galton**.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v Jason Lee Borg u Alan Camilleri *mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Gunju, 1998:***

"*Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Magistrati*** fil-kawza fl-isimijiet **Il-Pulizija v**

**Victor Gatt** ***nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1999***. F'din is-sentenza il-Qorti sostniet li il-kaz tal-Prosekuzzjoni tistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Il-Qorti taqbel ma din s-sentenza fic-cirkostanzi tal-fatti li kellha quddiemha ghalkemm setgha kien il-kaz li dak l-imputat kien mess il-flixkun qabel ma spicca fil-hanut. Pero din is-sentenza ma tfissirx kif dan l-Avukat Difensur jrid jfisser u cioe li l-prova ta' fingerprints wahedha mhux bizzejjed biex titqies bhala prova cirkostanzjali ghas-sejba ta' htija. Fil-fatt fis-sentenza moghtija ***fit-tletin ta' Gunju, 1998*** fl-ismiijiet **il-Pulizja v Emanuel Camilleri** gie deciz li:

"*F'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza*."

Fil-fatt **fl-Ingilterra** fil-kaz ***R v Castletan (3 Cr App R - 74, CCA ( vide Archbold 1997 para 14-97 )*** gie deciz li:
"*Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification.*"

Ta min jfakkar dak li jghid l-awtur **Keith Simpson** fil-ktieb tieghu ***Forensic Medicine*** [6$^{th}$ Edition pagna 19]

"***Glanton*** *estimated that: The chance of two points from different fingers being identical was less than one in sixty four thousand millions - some thirty times the world population. It is perhaps more significant that never yet, in the world's crime records have identical prints come to light unless from the same finger.*"

Kif tajjeb osservat il-Qorti fis-sentenza ndikata mill-Prosekuzzjoni u cioe dik moghtija mill-***Qorti tal-Appell***

***Kriminali*** fl-ismiijiet **Il-Pulizija v Bernard Muscat u Mark Zahra:**

"*Mhux rikjesti hafna provi u korroborazzjonijiet biex il-Qorti tasal ghal konvinciment skond l-ligi, izda bizzejjed prova* *<u>wahda</u> jekk din tasal biex tissodisfa r-rekwizit tal-konvinciment morali mill-htija tal-akkuzat.*"

Sentenza ohra ta' referenza fuq il-materja hija dik moghtija ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Anthony Abela** fejn dik il-Qorti sostniet li:

"*F'post pubbliku bhal ma huwa hanut, cinema, knisja jew hanut tax-xrob, ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka tas-swaba ta' xi hadd f'dawk il-postijiet hija sufficjenti biex ssib htija fuq sid dik il-marka ghaliex dawn huma postijiet pubblici frekwentati minn numru kbir ta' nies li jkollhom tracci bhal fingerprints*."

Din il-Qorti ghalkemm taqbel mas-suespost bhala principju generali thoss li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni u legalment u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni tal-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija. Dan ghaliex sid il-fingerprints misjuba ghandu jaghti spjiegazzjoni taghha biex huwa jipprova jgheleb din il-presunzjoni ta' htija, per ezempju li gieli dahal fil-fond jew setgha mess l-oggett li nstab fil-fond meta kien band'ohra.

L-Avukat Difensur f'din il-kawza, sostna li hija l-prova tal-impronti digitali biss li torbot lil imputat mal-akkuzi ta' serq moghtija fil-konfront tieghu u fil-fehma tieghu, dawn ma setghu qatt ikunu prova sufficjenti sabiex tinstab htija fil-konfront tal-imputat u dan peress li dawn instabu skond hu, f'post pubbliku, cioe f'post fejn jidhlu hafna nies u li ghalhekk skond hu, kellu jkun hemm xi forma ta' korroborazzjoni.

Din il-Qorti ma taqbilx.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija recentement mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Dicembru 2004*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Noel Frendo** fejn gie ritenut li;

*"L-impronti digitali [u dawk palmani] huma forma ta' prova ndizzjarja - circumstantial evidence, li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v Kilbourne - 1973 AC 729 pg. 758 … works by cumativly in geometrical progression, eliminating other possibilities. Fil-fatt, dik il-Qorti ulterjorment qalet li l-kwistjoni hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni hija jekk fid-dawl tac-cirkosatanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lil gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li dik l-impronta saret mill-persuna li liliha tappartjeni fil-kors tal-kjommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzatga jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghal inqas ghal tenttattiv ta' dak r-reat."*

Issa fil-kaz in ezami, jirrizulta li l-imputat gie mistoqsi jekk qattx dahal fil-hwienet li gew misruqa u b'lealta kbira il-Prosekuzzjoni mhux biss qaltlu li kien hemm serqiet f'dawn l-istabbilimenti li gie mistoqsi fuqhom, izda akkumpanjatu fil-postijiet in kwistjoni biex l-imputat jkollu c-cans jahseb dwar dak li kellu jghid. Huwa ghazel li jghid li fil-hwienet qatt ma kien dahal salv u b'eccezzjni ghal hanut G&G Supermarket f'H'Attard meta qal li kien dahal hemm hafna wara li giet kommessa s-serqa.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu u cioe li l-imputat ma tax spjiegazzjoni ta' kif kellhom jinstabu l-impronti digitali tieghu f'dawn il-postijiet li gew derubati, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ma temminx li s-serqiet gew kommessi minnu.

Illi konsegwentement, il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi **partikolarment l-artikolu 18, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 325, 334, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li <u>ma ssibx lil imputat ANTHONY sive TWANNY FRENDO hati tar-raba akkuza u tilliberah minnha</u>, <u>tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sebgha akkuza peress li din inghatat</u>**

**b'mod alternattiv ghall-akkuzi l-ohra u tiddikjara li ssibu hati tal-ewwel [1], t-tieni [2], t-tielet [3], l-hames [5], s-sitt [6], t-tmien [8] w id-disgha [9] akkuza.**

Dwar il-piena il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi diversi drabi tant li l-fedina penali tieghu hija wahda reflettarja izda dan nonostante l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu u llum jinsab l-Qorti akkuzat b'dawn id-diversi serqiet.

**Illi ghalkemm ghadda zmien konsiderevoli minn meta gew kommessi r-reati, l-Qorti xorta thoss li m'ghandiex tkun klementi mal-imputat ghaliex dan lanqas biss ghamel xi tentattiv biex jikkumpensa lil vittmi w in oltre ma jirrizultax mill-atti li l-imputat illum biddel hajtu u ghalhekk il-Qorti tiddecidi billi tikkundanna lil imputat ANTHONY sive TWANNY FRENDO ghal piena karcerarja komplessiva ta' tlett snin u nofs.**

**Oltre dan tikkundanna lil imputat ANTHONY sive TWANNY FRENDO ai termini tal-artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jhallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-espert Joseph Bongailas, liema spejjes ghandhom jithallsu lir-Registratur tal-Qorti fi zmien gimgha minn meta jigu hekk interpellat sabiex jhallas mill-istess Registratur tal-Qorti.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------